MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2007

Numru 343/2007

**App Nru 343/07G**
**Il-Pulizija**
**v.**
**Francis Schembri**

**Il-Qorti**:
Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Francis Schembri talli nhar it-28 ta’ April 2007 ghall-habta tat-8:15a.m. fi Triq ix-Xwejni, Marsalforn, Ghawdex :

(a) volontarjament kiser il-paci pubblika b’ghajjat u glied;
(b) verbalment ingurja lir-Rev. Sac. Emmanuel Saliba u lil Antonia Saliba;
(c) bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li kellu, fixkel lil Antonia Saliba, Dun Emmanuel Saliba, Joseph Saliba, Angela Saliba u lil Fabiana Grech fil-pussess ta’ hwejjighom jew indahal fi hwejjighom billi sfrattalhom lill-haddiema minnhom inkarigati ghax-xoghol ta’ hwejjighom

u keccilhom dawn il-haddiema u ma hallihomx ikahhlu minn barra hajt ta' blokk flats proprjeta` taghhom u ta' Michael Fiteni;
Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-18 ta' Settembru 2007 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Francis Schembri hati skond it-tlett imputazzjonijiet hawn aktar il fuq imsemmija (b'dan, pero`, li fir-rigward tat-tieni imputazzjoni sabet li l-ingurja kienet diretta biss lejn ir-Rev. Sac. Emmanuel Saliba u mhux ukoll lejn ommu, Antonia Saliba) u kkundannat lill-imsemmi Schembri multa ta' mitt lira (Lm100), kif ukoll rabtitu taht garanzija personali ta' mitt lira ghal zmien sena li b'ebda mod ma jkellem jew javvicina li Dun Emmanuel Saliba ;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Francis Schembri, minnu ppresentat fit-3 ta' Ottubru 2007, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' dik il-parti tas-sentenza fejn hu nstab hati u gie kkundannat ;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-lum; ikkunsidrat :

Bazikament l-aggravju ta' l-appellant hu fis-sens li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi li kellha quddiemha b'mod li malament waslet ghall-konkluzzjoni taghha ta' htija ;

Din il-Qorti, pero`, ma tistax taqbel ma' l-appellant. Abbazi tal-provi li semghet illum, din il-Qorti tikkondividi pjenament il-konkluzzjoni ta' htija li waslet ghaliha l-ewwel Qorti.  L-agir u l-imgieba ta' l-appellant kienet tali li tammonta ghall-ksur tal-bon-ordni u l-paci pubblika; huwa certament insulenta lil Dun Emmanuel Saliba meta qallu li hu (is-sacerdot) kien seraq lil Grazia Hili; u l-appellant ma kellu ebda dritt ifixkel ix-xoghol ta' manutenzjoni li l-persuni aktar 'l fuq imsemmija kienu qabbdu lil xi haddiema biex iwettqu.  Dan qed jinghad, naturalment, interament bla pregudizzju ghad-diversi vertenzi ta' natura civili li jidher li hemm bejn l-appellant u l-membri tal-familja Saliba.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Il-perijodu ta' sena tal-garanzija jidba jiddekorri mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------